**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru : 62/2021 RM**

**LK Limited (C-34234)**

**-Vs-**

**Philip Agius & Sons Limited (C35991)**

**Illum, 23 ta’ Jannar 2023.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat mis-soċjeta’ LK Limited fir-Reġistru ta’ din il-Qorti fit-18 ta’ Marzu 2021 fejn talbet illi s-soċjeta’ Philip Agius & Sons Limited tiġi kkundannata tħallasha is-somma ta' tnax-il elf seba mija u tnejn u ħamsin Ewro u ħamsa u tletin ċenteżmi (€12,752.35c), rappreżentanti l-prezz tal-materjal lilek mibjugh u kkonsenjat fuq l-inkarigu u għall-benefiċċju tiegħek. Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali numru 250/2021 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju preżentat kontestwalment ma' dan l-avviż, u bl-imgħaxijiet kummerċjali dekorribbli b'effett mid-data illi fiha saret il-konsenja tal-materjal sad-data tal-pagament effettiv,

Rat ir-Risposta tas-soċjeta' Philip Agius & Sons Limited ippreżentata fid-19 ta' Mejju 2021 fejn ġie eċċepit:-

1. Is-soċjeta attriċi għandha qabel xejn iġġib il-prova tal-inkarigu allegat;

2. Is-soċjeta attriċi għandha wkoll iġġib il-prova tal-allegat bejgh u konsenja tal-materjal;

3. Is-soċjeta attriċi ma bagħtet l-ebda kont lis-soċjeta eċċipjenti fir-rigward tal-bejgh allegat, u għalhekk għandha tispjega kif waslet għaċ-ċifra li qiegħda titlob b'din l-azzjoni;

4. Mingħajr preġjudizzju, is-soċjeta attriċi intavolat din l-azzjoni, kif ukoll mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 565/2021 bl-istess ismijiet, mingħajr biss ma bagħtet kont għall-allegat kreditu, u għalhekk fi kwalunkwe każ l-eċċipjenti m'għandhiex tbati l-ispejjeż għal din l-azzjoni u għall-mandat ta' sekwestru imsemmi;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun każ.

Semgħet ix-xhieda ;

Rat il-provi kollha kif ukoll id-dokumenti kollha esebiti ;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-abbli avukati tal-partijiet fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2023;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza ;

Ikkunsidrat ;

Is-soċjeta' attriċi qiegħda titlob il-ħlas ta' somma allegatament dovuta lilha in linea tal-prezz ta' materjal mibjugħ u konsenjat lis-soċjeta' konvenuta liema prezz baqa' ma tħallasx.

Ir-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet tmur lura ċirka ħmistax-il sena. Mix-xhieda u l-provi proċesswali, jirriżulta illi s-soċjeta' konvenuta, li topera fil-qasam tal-kostruzzjoni, kienet regolarment tixtri materjal mingħand l-attriċi, liema materjal kien jiġi konsenjat permezz ta' trakkijiet fejn dawn kienu jintiżnu biex jinħareġ it-tunnellaġġ nett tagħhom ("*weighing chit*"). Dawn iċ-ċifri, flimkien mad-dettallji tat-trakk u n-numru ta' reġistrazzjoni, kienu jiġu reġistrati fis-sistema tal-istess soċjeta' konvenuta[1] fuq *tally sheet* li mbagħad kienet tiġi mqabbla mal-kont relattiv li kien jintbagħtilha mis-soċjeta' attriċi għall-ħlas.

Il-verżjoni tas-soċjeta' attriċi hi li sas-6 ta' Lulju 2020, is-soċjeta' konvenuta kienet tħallas regolament għall-konsenji tal-materjal bit-trasport iżda wara din id-data, ma baqgħetx tħallas għal dawn il-konsenji. Ludwig Dimech, direttur tas-soċjeta' attriċi, xehed[2] illi d-diriġenti tas-soċjeta' konvenuta, fosthom Mario Agius, qalulu li ma kienux serjin iħallsu l-ammonti pendenti sakemm il-kumpannija Dimbros Limited, li fiha Ludwig Dimech kellu xi ishma iżda li m'għandha l-ebda konnessjoni kwalsiasi ma' LK Limited, ma tneħħix il-mandat ta' sekwestru li kien inħareġ fil-konfront tagħhom f'proċeduri separati.

Ludwig Dimech xehed ukoll illi minkejja l-fatt li ma kien sar ebda ħlas minn Lulju 2020 'il quddiem, il-kumpannija tiegħu baqgħet tbiegħ u tikkonsenja materjal lis-soċjeta' konvenuta sa Frar 2021. Madankollu, l-ammont reklamat fir-Rikors promotur, fis-somma ta' €12,752.35, jikkonċerna konsenji ta' materjal tal-bini li saru mis-soċjeta' attriċi bejn is-7 ta' Lulju 2020 u l-aħħar ta' Jannar 2021: in kwantu għall-ammont ta' €10,188.07 għall-perijodu 7 ta' Lulju 2020 sat-18 ta' Settembru 2020, u in kwantu għall-ammont ta' €2,564.28 għax-xahar ta' Jannar 2021. Isostni wkoll li

[1] Jirriżulta wkoll illi mit-tunnellaġġ li jiġi reġistrat, jista' jinħareġ valur biss jekk jingħataw ir-rati applikabbli.
[2] Affidavit Dok. LK, fol. 29 *et seq*.

għall-konsenji li saru fix-xahar ta' Frar 2021 huwa dovut l-ammont ta' €957.31[3] b'mod illi s-somma sħiħa dovuta lis-soċjeta' attriċi hija €13,709.66.

**Perijodu bejn Lulju u Settembru 2021**

Mix-xhieda ta' Naomi Agius, jirriżulta illi meta s-soċjeta' konvenuta qabblet it-*tallysheet* tagħha mal-kont mibgħut mis-soċjeta' attriċi, fis-somma ta' €10,188.07[4] fir-rigward tal-konsenji għall-perijodu 7 ta' Lulju 2020 sa 18 ta' Settembru 2020, sabet diskrepanza fit-tunnellaġġ in kwantu għal żewġ konsenji. Fil-fatt, in segwitu għal skambju ta' korrispondenza bejn il-partijiet, il-Qorti fehmet illi f'dan l-istadju is-soċjeta' attriċi aċċettat li tvarja l-ammont in kwantu għaż-żewġ konsenji li kienu kontestati u ntħalaq qbil fir-rigward.[5] Tant hu hekk, wara li rċeviet lura l-kont bl-indikazzjoni tal-konsenji kontestati, Stephanie Dimech għan-nom tas-soċjeta' attriċi qablet li l-ammonti kontestati għandhom jitnaqqsu, billi f'email tat-12 ta' Diċmebru 2020, wieġbet "*Agreed. Kindly proceed with issuing payment*". Imbagħad, f'*email* li ntbagħat lis-soċjeta' konvenuta fl-20 ta' Awwissu 2021, ħames xhur wara li s-soċjeta' attriċi kienet diġa' intavolat dawn il-proċeduri[6], l-istess Stephanie Dimech għamlet referenza għall-imsemmi skambju ta' korrispondenza u reġgħet talbet għal dan il-pagament, filwaqt li hemżet mal-istess *email, invoice* datat 12 ta' Diċembru 2020 għall-istess somma ta' €9,978.35 għall-perijodu Lulju sa Settembru 2020.

Għall-Qorti dan ifisser li s-soċjeta' attriċi kienet aċċettat li s-somma dovuta mis-soċjeta' konvenuta għall-konsenji bejn Lulju u Settembru 2020, kellha tkun fis-somma ta' €9,978.35. Somma li s-soċjeta' konvenuta wkoll affermat li hija dovuta minnha mhux biss meta indikat mingħajr ebda riżerva fuq l-i*statement*[7], li żewġ konsenji biss mill-konsenji kollha li saru fil-perijodu in diżamina kienu kontestati, iżda wkoll meta f'*email* tat-23 ta' Awwissu 2021, talbet illi l-fattura datata 12 ta' Diċembru 2020 li nħarġet fl-ammont maqbul ta' €9,978.35 għall-perijodu Lulju sa Settembru 2020,

[3] Ara statement fol. 50, 51.
[4] Fol. 22, *tergo* Dok. NA2.
[5] Ara xhieda ta' Naomi Agius u dokumenti NA1, NA2 u NA3.
[6] Rikors promotur ippreżentat fit-18 ta' Marzu 2021.
[7] Meta mmarkat żewġ ringieli bil-kulur.

terġa' tinħareġ b'data iktar reċenti "*A more recent date is requested for us to issue payment. Kindly emend (sic.!) the date on the invoice and revert*". Is-soċjeta' attriċi hekk għamlet u bagħtet fattura emendata b'data ġdida, 20 ta' Awwissu 2021.

Iżda minkejja dan, fl-Affidavit tiegħu Ludwig Dimech xehed illi huwa ma aċċettax li jitnaqqsu mill-kont dawn iż-żewġ konsenji u kkonferma li din il-kawża saret għall-ħlas tal-ammont **sħiħ** ta' €10,188.07 għall-perijodu Lulju sa Settembru 2020, u għall-ammont dovut għax-xahar ta' Jannar 2021 fis-somma ta' €2,564.28[8], komplessivament €12,752.35. Xehed illi huwa aċċetta t-tnaqqis dak iż-żmien biss biex jaġevola lis-soċjeta' konvenuta tħallas il-kont minnufih.

Il-Qorti, wara li fliet l-atti u l-provi, ma tistax ma tosservax illi hija ma riskontrat l-ebda prova li tissostanzja l-verżjoni ta' Ludwig Dimech u ta' Stephanie Dimech illi s-soċjeta' attriċi aċċettat li tnaqqas l-ammonti dovuti għaż-żewġ konsenji kontestati[9], fis-somma ta' €103 u fis-somma ta' €106.72, biss f'ġieħ soluzzjoni bonarja biex il-kwistjoni tingħalaq u jew biex jiġi evitat iktar dewmien. Il-pożizzjoni tas-soċjeta' konvenuta dwar iż-żewġ konsenji kontestati u l-aċċettazzjoni relattiva tas-soċjeta' attriċi li tnaqqashom mil-lista tal-konsenji, ġew komunikati reċiprokalment fil-11 ta' Diċembru 2020 u fit-12 ta' Diċembru 2020 rispettivament, fi żmien meta ma jirriżultax illi kienet saret diġa' xi interpellazzjoni formali għall-ħlas jew li l-partijiet kienu qegħdin f'xi diskussjonijiet biex tinstab xi soluzzjoni bonarja jew biex jiġi aġevolat pagament fil-pront[10]. Fil-fatt, mill-provi li għandha quddiemha l-Qorti, jirriżulta illi l-ewwel interpellazzjoni formali għall-ħlas saret fid-19 ta' Frar 2021[11].

Madanakollu, il-Qorti fehmet illi din il-kwistjoni ġiet riżolta darba għal dejjem meta Mario Agius, f'tnejn mid-depożizzjonijiet tiegħu, xehed[12] illi huwa lest li jħallas is-somma ta' €10,188.07 u mhux interessat "*f'numri żgħar*". Dikjarazzjoni li ġiet

---

[8] Ara statement fol. 49.
[9] Fil-perijodu Lulju sa Settembru 2020.
[10] Fin-notamenti ta' Mario Agius, hemm indikata d-data ta' 15 ta' Diċembru 2020 "*Ludvic asked for payment*", ċioe' wara l-qbil fuq l-ammont dovut.
[11] Dok. LK4, fol. 37 *et seq*.
[12] Xhieda 12 ta' Lulju 2021 u 14 ta' Marzu 2022.

riaffermata mill-abbli difensur tas-soċjeta' konvenuta meta ġie sottomess fit-trattazzjoni finali, illi l-vertenza hija biss dwar il-ħlas tal-ispejjeż tal-kawża. Għalkemm din il-konfessjoni ta' Mario Agius tikkuntrasta mat-tieni eċċezzjoni fir-Risposta tas-soċjeta' konvenuta kif ukoll mal-ftehim li jidher li kien diġa' ntlaħaq bejn il-partijiet, tant illi s-soċjeta' attriċi ħarġet *invoice* għall-pagament darbtejn f'dan l-imsemmi ammont, u tikkuntrasta wkoll ma' dak li l-istess Mario Agius xehed in kontro-eżami[13] fejn qal: "*... sa Diċembru, konna maqbulin qisu xi disat elef ewro dawn, in cirka*", huwa evidenti li fl-aħħar mill-aħħar, is-soċjeta' konvenuta ma baqgħetx tinsisti fuq it-tieni eċċezzjoni tagħha.

Fil-fatt, ix-xhieda ta' Mario Agius u s-sottomissjonijiet finali li saru mill-abbli avukat tas-soċjeta' konvenuta fis-seduta tad- 9 ta' Jannar 2023, ma jħallu ebda dubju li l-kontestazzjoni tas-soċjeta' konvenuta llum hi arġinata limitatament għall-kontenzjoni li ma kienetx f'pożizzjoni li tivverifika l-ammont reklamat għaliex l-attriċi qatt ma bagħtitilha kont ossia *invoice* qabel istitwiet din il-kawża u għalhekk, ma għandhiex tbati l-ispejjeż marbutin ma' dawn il-proċeduri u mal-Mandat kawtelatorju li talbet li jinħareġ fil-konfront tagħha kontestwalment mal-preżentata tar-Rikors promotur tal-kawża.

Ikkunsidrat;

Stabbilit illi effettivament, il-partijiet qegħdin jaqblu li s-somma dovuta lis-soċjeta' attriċi għall-perijodu Lulju sa Settembru 2020 hi ta' €10,188.07, imiss li jiġi determinat jekk it-tielet u r-raba' eċċezzjoni tas-soċjeta' konvenuta fir-Risposta tagħha humiex mistħoqqa.

Is-soċjeta' konvenuta tikkontendi li qabel ġew istitwiti dawn il-proċeduri, hija qatt ma rċeviet ebda kont mingħand is-soċjeta' attriċi bi spjega tal-ammont pretiż f'din il-kawża u per konsegwenza, billi ma kienet f'pożizzjoni li tħallas, ma għandhiex tbati l-ispejjeż ġudizzjarji.

---

[13] Xhieda tas-16 ta' Ġunju 2022.

Il-Qorti rat il-provi u taqbel illi ma jirriżultax illi qabel istitwiet dawn il-proċeduri is-soċjeta' attriċi ħarġet jew bagħtet fattura jew *invoice* **formali** għall-ħlas tal-kont tal-konsenji li saru bejn Lulju u Settembru 2020: mill-provi jirriżulta illi l-ewwel darba li hija bagħtet *invoice* uffiċjali għall-ħlas tal-konsenji li saru bejn Lulju u Settembru 2020, kien fl-20 ta' Awwissu 2021, fil-mori ta' dawn il-proċeduri. Il-Qorti tosserva illi din il-fattura hija datata 12 ta' Diċembru 2020, l-għada stess li kien intbagħat lis-soċjeta' konvenuta t-tagħrif kollu, inkluż il-valur ta' dawn l-istess konsenji[14]. Dan ifisser illi s-soċjeta' konvenuta kienet diġa' ilha taf x'kien il-valur tal-konsenji li kien qed jintalab mis-soċjeta' attriċi sa mit-12 ta' Diċembru 2020 meta rċeviet permezz ta' *email*, *statement* li fih mhux biss ir-rata tat-tunnellaġġ (€4.00) iżda wkoll il-pagament dovut għal kull konsenja u t-total pretiż mis-soċjeta' attriċi. Minn dan il-Qorti fehmet illi s-soċjeta' konvenuta ma kellhiex bżonn *invoice* formali biex tħallas l-ammont pretiż. Tan hu hekk, Stephanie Dimech fl-email tat-12 ta' Diċembru 2020, talbet għall-pagament dovut: "*Kindly proceed with issuing payment*", u ma hemm l-ebda prova li s-soċjeta' konvenuta f'xi waqt f'dak l-istadju, talbet il-ħruġ ta' fattura formali sabiex tista' teffettwa dan il-ħlas jew opponiet għall-ħlas sakemm tirċievi kont.

Il-Qorti tosserva wkoll illi l-ewwel darba li s-soċjeta' konvenuta addebitat in-nuqqas ta' pagament lill-fatt illi qatt ma rċeviet kont għall-ħlas, kien fir-Risposta tagħha f'din il-kawża. Fil-fatt, kif tajjeb ġie sottomess mis-soċjeta' attriċi, fin-nota ta' kontestazzjoni ppreżentata b'risposta għall-interpellazzjoni ġudizzjarja li saret permezz ta' ittra uffiċjali li ġiet ippreżentata għall-fini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 fid-19 ta' Frar 2021[15], ma ngħatat l-ebda raġuni għaliex il-ħlas ma kienx għadu sar u imkien ma ngħad li dan hu dovut għan-nuqqas tas-soċjeta' attriċi li toħroġ kont jew tibgħat fattura.

Il-fatt waħdu li s-soċjeta' konvenuta kienet diġa' ben konxja tal-ammont dovut minnha sa mit-12 ta' Diċembru 2020, jikkonvinċi lill-Qorti li d-dewmien fil-ħlas ma

---

[14] 11 ta' Diċembru 2020. Ara fol. 42, Dok. LK5.
[15] Nota ppreżentata fl-1 ta' Marzu 2021.

għandu xejn x'jaqsam mal-ħruġ ta' kont jew *invoice*. Kemm hu hekk, Mario Agius innifsu kkonferma meta xehed in kontro-eżami illi f'Diċembru 2020 huwa kien qal lil Ludwig Dimech li kien lest iħallas biss jekk l-appell fil-kawża dwar dejn dovut mill-kumpannija Dimbros Limited, jiġi ċedut. Magħdud dan il-fatt illi sal-lum, sena wara li nħarġet il-fattura tal-ammont diġa' magħruf u aċċettat mis-soċjeta' konvenuta bħala dovut, il-ħlas tal-ammont tas-sorte għadu ma ġiex effettwat.

Iżda fuq kollox, il-provi juru illi fir-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet, li kif rajna tmur lura diversi snin, il-ħlas tal-konsenji kien isir mhux neċessarjament abbażi ta' *invoice* iżda abbażi ta' kontijiet informali (*statements*[16]) li jinħarġu mis-soċjeta' attriċi u dan mingħajr ma jinħarġu wkoll fatturi formali. Dan jirriżulta mix-xhieda ta' Mario Agius[17] u huwa affermat ukoll minn Stephanie Dimech, li xehdet illi s-soċjeta' attriċi bdiet tuża sistema ta' *invoice*s biss fis-sena 2020 u għalhekk l-ewwel *invoice* formali li qatt intbagħet lis-soċjeta' konvenuta wara ħmistax-il sena ta' negozju bejniethom, kienu dawk li ntbagħtu f'Awwissu 2021[18]. Fil-fatt, mid-dokumenti esebiti minn Mario Agius fuq talba tas-soċjeta' attriċi[19], ma jifdal l-ebda dubju li effettivament, fis-snin passati, il-pagamenti li kienu jsiru lis-soċjeta' attriċi għall-konsenji ta' materjal, saru abbażi ta' kontijiet jew *statement* li jitqabblu mat-*tally sheets* tas-soċjeta' konvenuta, mingħajr ma kienu jinħarġu *invoice*s formali.

Għalhekk it-tielet eċċezzjoni m'hijiex tajba safejn tikkonċerna l-ammont dovut għall-konsenji bejn Lulju u Settembru 2020.

**Perijodu Jannar u Frar 2021**

In kwantu għall-ammont dovut għall-konsenji ta' materjal bit-trasport f'Jannar u Frar 2021 fis-somma komplessiva ta' €3,521.59, mill-provi li għandha quddiemha il-Qorti fehmet illi l-ewwel darba li s-soċjeta' konvenuta ġiet mgħarrfa bl-ammont dovut kien

[16] Ara statement Dok. NA1, u statements a fol. 49, 50 u 51.
[17] Xhieda tas-16 ta' Ġunju 2022, fol. 69, 70.
[18] Fol. 44.
[19] Xhieda tal-14 ta' Novembru 2022, Dok. MAX.

fis-6 ta' Awwissu 2021 meta dawn il-kontijiet intbagħtu permezz ta' *email*. Għalkemm Stephanie Dimech xehdet illi dawn il-kontijiet kienu diġa' ġew konsenjati personalment fl-uffiċini tas-soċjeta' konvenuta, ma jirriżultax mill-provi meta effettivament dawn l-kontijiet ġew hekk konsenjati, minn min u lil min, u f'kull każ il-Qorti tistenna illi l-konsenja ta' kont bl-idejn kellha tkun evidenzjata b'firma tar-reċipjent kif ukoll id-data. Fin-nuqqas ta' din il-prova, u wara li semgħet ix-xhieda ta' Mario Agius, il-Qorti hi propensa li taċċetta l-verżjoni tas-soċjeta' konvenuta illi l-ewwel darba li s-soċjeta' konvenuta rċeviet il-kontijiet bil-lista tal-konsenji ta' materjal li saru f'Jannar u Frar 2021 u l-ammont pretiż, kien fis-6 ta' Awwissu 2021, **wara li ġiet intavolata l-kawża odjerna**.

Qed jiġi osservat ukoll illi fl-ittra uffiċjali li ġiet spedita fid-19 ta' Frar 2021 għall-ħlas tal-ammont ta' €12,752.35 - f'liema ammont hemm kompriż l-ammont pretiż għall-**konsenji kollha li saru sal-11 ta' Jannar 2021** - l-ebda kont ossia *statement*, wisq inqas *invoice*, ma ġie anness mal-ittra u ma ġie prodott fl-atti l-ebda skambju ta' *emails* bil-kont relattiv anness. Dan minkejja li, skont ma fehmet il-Qorti, il-partijiet kienu jimxu b'sistema fejn il-kontijiet kienu jintbagħtu tramite *email* għall-verifika u konferma qabel jinħarġu jintalab il-ħlas. Dan għall-Qorti jfisser illi sad-data tal-preżentata tar-Rikors promotur f'din il-kawża fit-18 ta' Marzu 2021, l-ebda kont ma kien għadu ntbagħat lis-soċjeta' konvenuta għall-verifika fir-rigward tal-konsenji li saru f'Jannar u Frar 2021, u l-kont relattiv intbagħat biss f'Awwissu 2021 kif del resto kkonferma Mario Agius fid-depożizzjoni tiegħu[20].

Fil-fatt, permezz ta' *email* li ntbagħet fit-23 ta' Awwissu 2021, l-addett tas-soċjeta' konvenuta, Naomi Agius, affermat illi l-ammont mitlub mis-soċjeta' attriċi għax-xhur ta' Jannar u Frar 2021 komplessivament, fis-somma ta' €3,521.59, huwa korrett.

Illi dan kollu magħdud ifisser illi s-somma ta' €10,188.07 għall-perijodu Lulju sa Settembru 2020 u s-somma ta' €3,521.59 għall-perijodu Jannar u Frar 2021, komplessivament €13,709.66, huma dovuti mis-soċjeta' konvenuta.

[20] 14 ta' Marzu 2022.

Ikkunsidrat;

Iżda fir-Rikors is-soċjeta' attriċi talbet biss il-ħlas tas-somma determinata ta' €12,752.35. Fil-fatt, fl-Affidavit tiegħu, Ludwig Dimech xehed illi t-talba tas-soċjeta' attriċi fir-Rikors promotur għall-ħlas tas-somma ta' €12,752.35, ma tinkludix l-ammont ta' €957.31 pretiż għall-konsenji li saru fi Frar 2021, għaliex is-somma ta' €12,752.35 tiġbor fiha biss is-somma ta' €10,188.07 (Lulju sa Settembru 2020) u s-somma ta' €2,564.28 (Jannar 2021).

Għalkemm il-Qorti tista' bl-applikazzjoni tar-regola fl-Artikolu 213 tal-Kap. 12, tiġġudika wkoll dwar il-jedd tas-soċjeta' attriċi għall-ħlas tas-somma dovuta għax-xahar ta' Frar 2021 anke jekk dan il-jedd ma jkunx jidħol sewwa fit-talba oriġinali kif imfisser fl-att promotur tal-azzjoni, ma tistax, minħabba r-regola tal-*ultra petita*, tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas is-somma kollha ta' €13,709.66, iżda biss dik is-somma mitluba speċifikatament fir-Rikors promotur, fis-somma ta' €12,752.35.

In kwantu għall-ispejjeż, kif diġa' ġie stabbilit, is-soċjeta' konvenuta kienet f'pożizzjoni li tħallas il-kont għall-perijodu Lulju sa Settembru 2020, sa minn Diċembru 2020 meta l-ammonti bit-tagħrif kollu relevanti, intbagħtu lis-soċjeta' konvenuta b'talba għall-pagament relattiv. Kif rajna wkoll, ma kien hemm bżonn ta' ebda *invoice* formali biex dan il-ħlas isir, u dan konformement mas-sistema minn dejjem adoperata mill-partijiet matul ir-relazzjoni kummerjċali tagħhom.

Diversament iżda l-ammont ta' €2,564.28: kif stabbilit, il-Qorti hi konvinta, fin-nuqqas ta' provi li juru mod ieħor, illi sat-18 ta' Marzu 2021 meta ġew istitwiti dawn il-proċeduri, is-soċjeta' konvenuta ma kienx għadha rċeviet mingħand l-attriċi l-kontijiet relattivi biex jista' jsir it-tqabbil mat-*tally sheets*. Jirriżulta li dawn il-kontijiet intbagħtulha għall-ewwel darba fis-6 ta' Awwissu 2021 ċioe' fil-mori tal-

proċeduri odjerni, tant illi l-ammont indikat fil-kontijiet fil-pront ġie verifikat u konfermat bħala korrett[21].

Dan ifisser illi s-soċjeta' konvenuta ma għandhiex tbati l-ispejjeż kollha ta' dawn il-proċeduri peress illi l-ammont mitlub ġie in parti mitlub intempestivament. Għalhekk għandha ssir ripartizzjoni tal-ispejjeż. Madankollu, billi l-obbligazzjoni hija waħda ta' xorta evidentement kummerċjali, l-imgħax fuq is-somma ġġudikata huwa dovut kollu *ipso jure* mid-data tal-konsenji relattivi bl-applikazzjoni tar-regola fl-Artikolu 1144(1) tal-Kodiċi Ċivili.

**Għal dawn il-motivi, taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta fir-Risposta tagħha iżda tilqa' limitatament it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet biss safejn huma kompatibbli ma' dak hawn deċiż, tilqa' parzjalment it-talba tas-soċjeta' attriċi LK LIMITED u tikkundanna lil PHILIP AGIUS & SONS LIMITED tħallasha s-somma ta' tnax il-elf ħames mija u tnejn u erbgħin Euro u tlieta u sittin ċenteżmu (€12,542.63) għar-raġuni indikata fir-Rikors promotur bl-imgħax kif mitlub u bl-ispejjeż jitħallsu in kwantu għal kwint (1/5) mis-soċjeta' attriċi u in kwantu għal erba' kwinti (4/5) mis-soċjeta' konvenuta.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

---

[21] Ara email 23 ta' Awwissu 2021, fol. 44.